MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 490/2008

**Mario u Josephine konjugi Difesa**

**vs**

**Jesmond u Sylvia konjugi Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat illi dan il-mandat ta` sekwestru inhareg sabiex jigi kawtelat kreditu ta` Lm 10,863. Ir-rikorrent odjern qed

jitlob li din il-Qorti joghgobha tordna lill-A.D.T. tawtorizza li jigu licenzjati z-zewg vetturi tal-esponenti.

Il-Qorti, ukoll in vista tan-nuqqas ta` oppozizzjoni da parti tal-kreditur hija tal-fehma li galadarba l-vetturi in kwistjoni huma uzati mill-kreditur u martu ghal xogholhom, ikun ghaqli li l-Qorti tawtorizza li jkunu jistghu jintuzaw ghalkemm mhux trasferiti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tordna l-Awtorita` ta` Dwar it-Trasport tawtorizza l-licenzjar tal-vetturi bit-targa KBB 363 u DAA 075.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------